**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità** — **National Commission Persons with Disability**
**Malta**

11ta' Frar 2003

***Stqarrija ghall-Istampa***

# Servizzi ta' Matul il-Jum ghall-Persuni b'Dizabilita Wara s-16-il sena

Pajjizna addotta politika generali ta' inklussjoni fl-oqsma kollha tas-Socjeta. Din il-filosofija timmanifesta ruhha l-aktar fil-qasam ta' l-Edukazzjoni b'mod specjali fil-politika tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Il-politika ta' edukazzjoni inkluziva fil-qasam ta' l-edukazzjoni taghti l-opportunita lil studenti b'dizabilita li jiehdu l-edukazzjoni taghhom ma' tfal bhalhom. B'hekk it-tfal kollha jkollhom l-opportunita li jitilghu flimkien u jkunu inkluzi fis-socjeta.

Il-politika ta' inkluzzjoni ma tistax tieqaf fil-qasam ta' l-edukazzjoni obbligatorja biss. Sabiex l-inkluzjoni ssehh fil-verita irid ikun hemm ukoll l-istrutturi mehtiega biex anke fil-hajja wara l-edukazzjoni obbligatorja u fil-hajja adulta, persuni b'dizabilita jkollhom l-istess opportunitajiet bhal persuni ohra ta' mparhom. Dan jinkludi l-edukazzjoni post-sekondarja li hi mezz importanti ta' kif wiehed ikompli jzid il-kwalifiki tieghu u ghalhekk izid ukoll l-opportunitajiet li jsib xoghol u anke fid-dinja tax-xoghol stess.

Fil-prezent, ftit li xejn hemm studenti b'dizabilita li jkomplu jistdujaw wara l-iskola sekondarja u studenti li jkunu gawdew mill-edukazzjoni inkluziva xorta wahda jsibu hafna ostakli meta jfittxu l-inkluzjoni fis-socjeta bhala adulti. Din it-tabella turi dan bl-aktar mod car.

| | **Studenti b'Dizabilita'** | **Populazzjoni ta' Studenti** | **Percentagg** |
|---|---|---|---|
| Universita | 5 | 9127 | 0.05 |
| Junior College | 3 | 2800 | 0.11 |
| Giovanni Curmi | 2 | 1230 | 0.16 |
| MCAST | 17 | 2018 | 0.84 |

Il-Kummissjoni gharfet din il-problema li r-responsaiblita ta' diversi entitajiet differenti fosthom l-Universita, il-Junior



Centru Hidma Socjali, Triq il-Kbira San Guzepp, Sta. Venera HMR 18, MALTA
Telefon: 487789 · 448521 · 245952 Fax: 484609 Text telefon: 446536
Centru: 441311, ext. 218 Email: knpd@kemmunet.net.mt

College, il-Kullegg Malti ghall-Arti, Xjenza u Teknologija, il-Korporazzjoni tal-Impjiegi u t-Tahrig, id-Dipartiment ta’ l-Anzjani u Servizzi fil-Komunita (is-Servizzi ta’ Matul il-Jum ghall-Adulti b’Dizabilita) u d-Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni.

Ghalhekk il-Kummissjoni hejjiet rapport komprensiv ghad-diskussjoni dwar dan il-qasam li ser jigi ccirkulat lill-partijiet kollha koncernati. F’nofs Marzu, il-Kummissjoni ser torganizza seminar biex titfassal politika nazzjonali ghal dan is-settur u programm ta’ hidma biex din il-politika tibda tigi implimentata.

Kull min jixtieq kopja ta’ dan id-dokument jista’ jikteb lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b’Dizabilita, Centru Hidma Socjali, Santa Venera jew icempel 21487789 jew textelefon 21 446536 waqt il-hinijiet ta’ l-ufficju. Dan id-dokument jista’ jinkiseb ukoll fuq fuq audio casette jew tipa kbira mill-istess ufficcju. Kopja ta’ dan id-dokument tinstab ukoll fuq il-webpage tal-Kummissjoni, www.knpd.org. Il-Kummissjoni tilqa’ kull kumment dwar dan id-dokument.